# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU ERBGĦA

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju, 2002 fl-4.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Tlett Persuni. | | |

**AĠENDA**

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Mozzjonijiet.
4) Egħluq ta' Xatt Juan B. Azopardo.
5) Xogħlijiet fl-Isla.
6) Approvazzjoni għall-bidu ta' korsijiet.
7) Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2001 / 2002.
8) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## **4 (1)** Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

Saru dawn il-korrezzjonijiet bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

*4.(1).1 Paġna 2 Minuta 3.2.5 eCouncillor Forum*

Flok il-kliem "Holiday Inn" jidħol "Mediterranean Conference Centre".

*4.(1).2 Paġna 3 Minuta 3.2.10 Għajnuna Filantropika*

Flok il-kliem "għall-attivitajiet soċjali u għall-anzjani" jidħol "Sotto Kumitat għall-ħidma u attivitajiet soċjali".

*4.(1).3* *Paġna 4 Minuta 3.2.13 Appoġġ mill-Arċipriet lill-Kunsill għall-Attivitajiet (Jum Senglea)*

Flok "300pax" jidħol "300 persuna".

*4.(1).4* Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem con il-Minuti hekk kif ġew korretti.

*4.(1).5* *Tagħrif li joħroġ mill-Minuti*

*eCouncillor Forum (3.2.5)*

Għal din il-laqgħa li saret fis-6 ta' Mejju 2002 (Mediterranean Conference Centre) attendiet il-Kunsillier Charmaine Gerada.

*Servizz ta' l-Ilma fi Triq San Mikiel (3.2.7)*

Ix-xogħol wieqaf minħabba li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għadhu ma' għandhux il-Letter of Approval. Minn kuntatti li għamel is-Sindku, il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera hija lesta li toħroġ l-ispejjeż għat-tibdil tas-servizz ta' l-ilma.

*Pjazza J. B. Azopardo (3.2.8)*

Fit-twettiq tat-tieni fażi ta' dan il-proġett għandhu jittieħed il-bżonn ta' l-aċċess għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

*Appoġġ mill-Arċipriet lill-Kunsill għall-Attivitajiet ta' Jum Senglea (3.2.13)*

Wara diskussjoni li s-Sindku kellu ma' l-Arċipriet il-ħlas għall-bibita li l-Kunsill Parrokjali organiżża fuq talba tal-Kunsill, niżel minn Lm 250 għal Lm 225.

*Użu ta' Ġnien il-Gardjola (04/0696/02/I)*

Din l-attivita' fil-Gardjola ġiet imħassra mill-istess Kumpanija li tablet biex tagħmel din l-attivita'.

*Senglea regatta Club (04/0719/02/I)*

Din l-attivita' fil-Gardjola ġiet imħassra mill-Klabb stess

*Zuntier tal-Knisja ta' San Filippu (04/718?02/I)*

*Paġna 7 Bus Shelters Renovation Project (3.4)*

Dawn Iż-żewġ talbiet qed jiġu proċessati mis-Sotto Kumitat tax-Xogħlijiet u Proġetti.

## 4(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.

*4.(2).1 Grupp minn Treviso ( 01/05/2002)*

Grupp ta' madwar għoxrin persuna minn Treviso "Colle Umberto" li kienu mistiedna tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz, Għawdex għamlu żjara l-Knisja Parrokjali Marija Bambina u l-Gardjola fil-lokal tagħna. Dawn inagħtaw refreshment u token żgħir meta żaru l-uffiċċju tal-Kunsill fi Triq San Ġużepp.

*4.(2).2 Kors ta' l-Illitteriżmu (ETC - 03/05/2002)*

Saret laqgħa mas-Sinjura Josephine Attard Biancardi mill-ETC dwar it-tħejjija ta' dan il-kors fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

Saru l-intervisti biex jiġu in-nies interessati kif ukoll jiġu magħżula fi gruppi. Il-Kors sejjer jibda fil-futur qarib.

*4.(2).3 Attivitajiet Jum l-Isla ( 6, 7 u 8 ta' Mejju 2002)*

Parti mill-attivitajiet kif kienu ppjanati ġew trasferiti għall-Ħadd 12 ta' Mejju, 2002 minħabba l-maltemp.

*4.(2).4 Sotto Kumitat Attivitajiet / Ħidma Soċjali (09/05/2002)*

Saret laqgħa dwar il-korsijiet li dan is-Sotto Kumitat bi ħsiebu jtella wara li jkunu approvati mill-Kunsill.

*4.(2).5 Weekend Break (10 - 12 ta' Mejju 2002)*

Din l-attivita' imtella' mill-Kunsill għar-residenti tal-lokal saret fir-Ramla Bay Hotel. Din l-attivita' kienet suċċess kbir. Attendew madwar 80 persuna bejn kbar u żgħar.

*4.(2).6 Jum il-Kottonera ( 04/0853/02/I, 15 ta' Mejju, 2002)*

Fuq stedina tal-Każin tal-Banda Queen's Own (Isla) saret laqgħa fil-każin stess bil-għan li titella attivita' bejn il-Kunsilli Lokali respettivi tal-Kottonera biex jiġi ċelebrat Jum il-Kottonera. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Mario Mizzi. Għanha ssir laqgħa fis-27 ta' Mejju 2002.

*4.(2).7 Devoluzzjoni - Street Lighting, Southern Harbour Group (04/0793/02I)*

F'din il-laqgħa li attenda għaliha s-Sindku ġew diskussi l-problemi li jeżistu dwar din id-devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq li dalwaqt ser tgħaddi f'idejn il-Kunsill. Din illaqgħa saret fis17 ta' Mejju 2002 fil-Kunsill Lokali Birgu.

*4.(2).8 Seminar Sedqa ( 19 ta' Mejuju 2002)*

Għal dan is-Seminar "Id f'Id - Sehmi jgħodd ukoll" attendew is-Sindku Joseph Casha, l-Kunsillier Reno Chircop u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit. F'dan is-Seminar il-Kunsilli ġew imħeġġa biex jikkoperaw aktar u jitolbu l-għajnuna ta' l-Aġenzija Sedqa biex jorganizżaw korsijiet u attivitajiet.

*4.(2).9 Ħruġ ta' permessi mill-Kunsill (20 ta' Mejju 2002, 04/0842/02/I)*

Is-Sindku Joseph Casha, s-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivana attendew brief seminar fil-Holiday Inn dwar it-Trade Licences System kif ukol kif ser titħaddem is-sistema ta' l-għoti tal-permessi fil-Lokal. Bl-abbozz tal-LiġI Numru 153 l-Kunsill Lokali ser ikun responsabbli mill-ħruġ ta' permessi li qabel kienu joħorġu mill-pulizija. Din ser tkun effettiva ill-1 ta' Ġunju 2002.

*4.(2).10 Niċċa ta' Sant'Anna*

Is-Sindku ġie nfurmat mis-Sur Ray Bondin Kordinatur Eżekuttiv tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera li t-tender fuq dan ix-xogħol ta' Restawr tan-niċċa ta' Sant'Anna u tal-Mina ħarġet fil-Gażżetta tal-Gvern.

*4.(2).11 Proġett Yacht Marina (12 ta' Mejju, 2002)*

Il-Kunsill irċieva "Environmental Impact Statement - EIS" fejn il-materjal huwa voluminuż ħafna. Is-Sindku għadda dan ir-rapport lis-Sotto Kumitat tal-Proġetti u Xogħlijiet biex jagħti l-pariri tiegħu lill-Kunsill. Wara l-Kunsill jaħtar persuna / I teknika biex flimkien mal-Kunsill ikun jista jressaq il-punti relavanti fil-Public Consultation imtella' mill-Malta Environment & Planning Authority. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex jaraw dan ir-rapport (E. I. S.).

Il-Kunsill bi ħsiebu jibgħat il-kummenti tiegħu.

## 4.(2)12 Korrispondenza

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn id-29 ta' April u s-17 ta' Mejju 2002 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

- *Grand Harbour Marina (04/0760/02/I)*

Saret talba biex il-lista tal-240 rmiġġ tiġi updated minħabba ċertu dgħajjes ma' kellhomx il-qisien rispettivi tagħhom fil-lista.

L-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori ġiet infurmata b'dan biex tibgħat din l-informazzjoni.

- *Ġbir ta' skart kmieni (04/0784)02/I)*

Resident minn Triq Is-Sur qed jilmenta l-ġbir ta' skart mill-iskips qed isir fil-ħamsa ta' filgħodu il-Ħadd. Dan l-istorbju qed idejjqu. Għandhu jsir stħarriġ dwar dan.

- *PA 4855 Construction of Marina (04/0790/02/I)*

Il-Kunsill ġie nfurmat biex jibgħat il-kummenti tiegħu dwar il-kostruzzjoni tal-Marina mill-Cottonera Waterfront Development fi żmien 30 ġurnata minn mindu jintbagħat l-E. I. S. (Environment Impact Statement).

- *Ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra (04/0836/02/I)*

Il-Kunsill qabel li jixtri tlett kopji ta' videos taċ-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra tal-Kunsill li saret fil-Berġa ta' Kastilja l-Belt Valletta għall-prezz ta' Lm 8.00 il-wieħed.

- *Ħatra ta' Kunsillier Responsabbli għall-Kummerċ (04/0805/02I)*

Fuq talba tas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Edwin Vassallo l-Kunsill ħatar lill-Kunsillier Reno Chircop responsabbli għall-kummerċ biex permezz tas-Sotto Kumitat tiegħu jkun il-contact person ma' l-Uffiċċju tas-Small Businesses Unit u jikkordina mal-kommunita' kummerċjali fil-lokal.

- *Għaqda Festi Esterni (04/0829/02/I)*

Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex issir tombola fix-Xatt mill-Għaqda Festi Esterni matul Ġunju, Lulju u Awissu 2002.

- *Studenti Ċiniżi ( 04/0876/02/I)*

Il-Kunsill qabel li jistieden żewġ studenti ċiniżi nofs ta' nhar fil-ġimgħa fil-Kunsill flok kif talab il-Kunsill Lokali Bormla għal tnax il-student għal żewġ nofs ta' nhar fil-ġimgħa għal 9 ġimgħat bejn Lulju u Awissu, 2002.

- *Għinuna sabiex Ngħinu (04/0877/02/I)*

L-Iskola Sekondarja tas-Subien Lorenzo Gafa' stiednet lill-Kunsill għal maratona ta' 51 siegħa logħob ta' American Pool bejn il-31 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju, 2002 biex jinġabru fondi b'risq l-Għaqda CARITAS.

- *Map 3 - TV Productions (Smash TV) (04/0881/02/I)*

Il-Kunsill ġie mistieden biex ikollu programm ta' siegħa fuq dan l-istazzjon biex juri xi żviluppi li jkun għamel il-Kunsill fil-lokalita'. Din is-sensiela miftuħa għall-Kunsilli Lokali kollha u ser tixxandar darba fil-ġimgħa bejn Settembru 2002 sa Ġunju 2003 fit-8.30pm.

- *Għaqda Regatta Nazzjonali (04/0898/02/I)*

Il-Kunsill ġie mitlub biex jikkontribwixxi għall-għajnuna ta' Lm 50 biex bħas-snin li għaddew din l-għaqda torganiżża Tournament tar-Regatta għaż-żgħażagħ ta' taħt it-18 il-sena. Dan Iċ-challenge ser isir fil-Ħdud tat-23 ta' Ġunju, 30 ta' Ġunju u 7 ta' Lulju, 2002. Dan ir-Regatta challenge tournament ser issir taħt il-Patronċinju tas-Segretarju Parlamentari Jesmond Mugliette.

*4.(2).13 Kitbiet u Stqarrijiet fil-Gażżetti*

Is-Sindku Joseph Casha ppreżenta kopja tar-rapportn li deher fil-ġurnal In-Nazzjon tas-6 ta' Mejju 2002 (App. 1) fejn ġie affermat li Kunsilliera Laburisti ma' jridux jorganiżżaw attivitajiet ma' l-Għaqdiet Lokali. Dawn il-kummenti saru wara kuntatti li din il-gażżetta kellha mal-Kunsillier Charmaine Gerada.

*4.(2).13.1* Mill-ittra li l-Kunsill irċieva lill-Każin tal-Banda Queen's Own ta' l-Isla (App. 2) u mill-gażżetti, s-Sindku sar jaf li l-Kunsillier Charmaine Gerada bagħtet ittra lill-Għaqdiet li dan il-Kunsill ma' jridx jgħin lill-Għaqdiet.

Is-Sindku Joseph Casha ddikjara li sa dak il-mument il-Kunsill kien għadu ma' rċieva l-ebda kopja ta' l-ittra li ntbagħtet lill-Għaqdiet.

*4.(2).13.2* Is-Sindku saħaq li dan l-aġir tal-Kunsillier Charmaine Gerada huwa skorrett kemm etikament u kemm fattwalment. Tant kienet żbaljata fl-interpretazzjoni tagħha li l-Kunsill huwa kontra li jgħin lill-Għaqdiet li fl-Amministrazzjoni ta qabel ħa inizjattiva li jibda jgħin lill-Għaqdiet u skantat kif l-istess mozzjoni li riedet tagħmel l-Kunsillier Charmaine Gerada favur l-Għaqdiet ma' saritx aktar qabel.

*4.(2).13.3* Għall-kummenti tal-Kunsillier Charmaine Gerada li dehru fil-gażżetti tas-6 ta' Mejju 2002, s-Sindku jibgħat tweġiba (App. 3) u li dehret fil-ġurnal In-Nazzjon (App. 3A).

*4.(2).13.4* Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillier Charmaine Gerada li hija naqset bil-kbir skond il-Kodiċi ta' l-Etika tal-Kunsillieri ta' l-1995 numri 9.1 u 9.2. Kummenti fil-pubbliku u kuntatti mal-media (App. 4).

*4.(2).14 Riżenja minn Chaiperson ta' Sotto Kumitati*

Fil-15 ta' Mejju 2002 il-Kunsill irċieva r-riżenja tal-Kunsillier Charmaine Gerada minn Chairperson tas-Sotto Kumitati kollha li l-Kunsill kien afda f'idejha fil-bidu ta' din il-leġislatura ta' dan il-Kunsill. (App. 5).

*4.(2).14.1* Filwaqt li s-Sindku ppreżenta kopja ta' din l-ittra waqt il-laqgħa tal-Kunsill, ġibed l-attenzjoni l-Kunsillier Charmaine Gerada għaġġlet fid-deċiżjonijiet tagħha mingħajr ma' vverifikat il-fatti quddiem il-Kunsill li kellha ċ-ċans kollu li l-Kunsill jiddiskuti l-oġġezzjonijiet tagħha, mentri ħasset il-bżonn li tikkomunika r-riżenja tagħha lil entitajiet u għaqdiet u fuq kollox lill-gażżetti u l-meżżi tax-xandir (App. 6).

*4.(2).14.2* Għat-tieni darba s-Sindku ħass li kellu jwieġeb b'ittra oħra datata 17 ta' Mejju 2002 (App. 7) indirizzata lill-Kunsillier Charmaine Gerada biex jikkoreġi dak li stqarret fl-ittra tagħha datata 13 ta' Mejju 2002 (App. 5).

*4.(2).14.3* Is-Sindku ddikjara li ma' kienx minnhu dak li qed tallega l-Kunsillier Charmaine Gerada li ħadem minn wara dahra u kien qed jagħti nformazzjoni żbaljata li kien lest li fil-laqgħa li jmiss jistieden lill-Kap ta' l-Iskola Primarja, l-President tal-Kunsill Skolastiku s-Sur Arthur Napier, u lis-Sur Joe Abela l-kordinatur ta' l-Attivitajiet ta' Jum l-Isla.

*4.(2).14.4* Is-Sindku kompla saħaq li mhux talli l-Kunsillir Charmaine Gerada bagħtet l-ittri (b'interpretazzjoni skorretta tal-fatti kif ġraw) lill-għaqdiet tal-lokal u entitajiet nazzjonali u governattivi talli ħasset il-bżonn ukoll li tippubblika dak li kien hemm fl-ittra tat-13 ta' Mejju 2002 fil-ġurnal In-Nazzjon.

*4.(2).14.5* Infatti nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2002 daħlet fax fl-uffiċċju tal-Kunsill fl-10.21 ta' filgħaxija mill-Ministeru tal-Politika Soċjali. Din il-fax kienet tgħid "Aħbar esklussiva - In-Nazzjon il-Ħamis 16 ta' Mejju 2002. Paġna 3 (App. 8).

*4.(2).14.6* L-għada fil-gażżetta In-Nazzjoni paġna 3 deher rapport sħiħ ta' dak li kitbet il-Kunsillier Charmaine Gerada fl-ittra tagħha lill-Kunsill u lill-għaqdiet.

*4.(2).14.7* Is-Sindku saħaq dwar din l-imġieba tal-Kunsillier Charmaine Gerada u żgur li dan ma' jawgurax armonija u għaqda bejn il-Kunsilliera fil-Kunsill għall-ġid tal-lokal.

*4.(2).14.8* B'rejazzjoni ta' dan kollu huwa kien qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ stqarrija għall-istampa (Nru 1/2002) bir-rejazzjoni għal dak li ġie pubblikat (App. 9).

*4.(2).14.9* Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minħabba l-interpretazzjoni skorretta u nuqqas ta' fatti f'din il-kwistjoni, huwa kien ser jikteb lill-Għaqdiet u lill-entitajiet konċernati biex ifisser verament kif ġraw il-fatti.

*4.(2).14.10* Il-Kunsillier Charmaine Gerada għamlet l-intervent tagħha fejn sostniet li s-Sindku biddel l-attitudni tiegħu lejha, semmiet diversi punti li hija tħoss li s-Sindku naqas.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada qalet li ser tibqa bl-istess deċiżjoni li ħadet u ma' tridx tibqa' responsabbli mis-Sotto Kumitat.

Is-Sindku stqarr li lest li jagħlaq il-kapitlu jekk il-Kunsillier Charmaine Gerada trid li jerġa kollox għal li kien qabel u nibqu naħdmu fl-interess tal-lokal biss.

*4.(2).14.11* Il-Kunsill laqa r-riżenja tal-Kunsillier Charmaine Gerada bħala chairperson mis-Sotto Kumitati li kienu ġew fdati lilha mill-Kunsill fil-bidu ta' din il-leġislatura.

## 4(3) Mozzjonijiet

Il-Kunsill kellu tlett mozzjonijiet għad-diskussjoni

4.(3).1 Mozzjoni (02/2002) Kif annessa ma' dawn il-Minuti ġiet proposta mis-Sindku Joseph Casha u ssekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi.

4.(3).1.1 Is-Sindku stqarr li kien qed iressaq din il-mozzjoni minħabba li l-Kunsillier Charmaine Gerada tat impressjoni ħażina li l-Kunsillieri Laburisti ma' jridux jorganiżżaw attivitajiet m'a l-għaqdiet tal-lokal. Tant hu hekk li din il-Kunsillier bagħtet ittra lill-għaqdiet fl-Isla (Kopja annessa) (mingħajr l-anqas biss bagħtet kopja lill-Kunsill) fejn akkużat lill-Kunsillieri Laburisti b'imġieba negattiva lejn l-istess għaqdiet (Ara stqarrija fin-Nazzjoni tas-6 ta' Mejju 2002 annessa ).

4.(3).1.2 Għaldaqstant il-Kunsill huwa fl-obbligu li jinforma lill-għaqdiet bil-vera verżjoni tal-fatti. F'dan id-dawl is-Sindku kien qed iressaq din il-mozzjoni li fil-qosor tgħid li l-Kunsill lest li sakemm hemm qbil bejn l-għaqdiet jgħin b'kull mod li ttieħ il-Liġl billi jgħin biex tinbena struttura meħtieġa biex l-għaqdiet bejniethom ikunu jistgħu jtellgħu kollettivament attivitajiet għal skop ta' fundraising li jinqasam bejniethom. Min-naħa l-oħra l-Kunsill kien ser jibqa jorganiżża l-attivitajiet soċjali u kulturali tiegħu.

4.(3).1.3 Il-Kunsillier Charmaine Gerada ma' kinitx qed taqbel ma' din il-mozzjoni kif ippreżentata u proponiet emenda li flok paragrafi 3, 5 u 7 tal-mozzjoni jidħol dan li ġej :
"Il-Kunsill fil-ġejjin inaqqas l-attivitajiet soċjali u kulturali li jorganiżża hu mingħajr qliegħ sabiex jekk ikun hemm qbil bejn l-għaqdiet u soċjetajiet jorganiżżaw attivitajiet huma. Wara li jntlaħaq dan il-ftehim bejniethom, l-għaqdiet u soċjetajiet għandhom jippreżentaw programm ta' attivitajiet għal mill-inqas sitt xhur sabiex il-Kunsill ikun jista' jorganiżża l-attivitajiet tiegħu.

Il-Kunsill għandu jkun il-Kordinatur ta' dawn l-attivitajiet imtella mill-Għaqdiet u Soċjetajiet flimkien. Jekk il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jissussidja dawn l-attivitajiet, jagħmel dan."

4.(3).1.4 Din l-emenda ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar.

4.(3).1.5 Wara diskussjoni fuq din l-emenda s-Sindku Joseph Casha ressaq din l-emenda għall-votazzjoni. Din l-emenda ma' għaddietx b'4 voti kontra u vot favur.

4.(3).1.6 Imbagħad tressqet għall-vot il-Mozzjoni 02/2002 proposta mis-Sindku Joseph Casha u ssekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi. Din il-mozzjoni għaddiet 4 voti favur u vot kontra.

4.(3).1.7 Il-Kunsillier Charmaine Gerada vvutat kontra din il-mozzjoni minħabba li ma' kinitx taqbel ma' paragrafi 3, 5 u 7 tal-mozzjoni kif imressqa.

4.(3).1.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien sejjer jinforma bil-miktub lill-Għaqdiet bit-tagħrif kollu meħtieġ u bil-mozzjoni li l-Kunsill approva biex jitneħħew dubji mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada (Kopja ta' l-ittra annessa).

4.(3).2 Mozzjonijiet 03/2002 u 04/2002

Dawn il-mozzjonijiet proposti mill-Kunsillier Charmaine Gerada sa dak il-ħin kienu għadhom mingħajr sekondant.

4.(3).2.1 Is-Sindku Joseph Casha staqsa lill-Kunsillier Charmaine Gerada jekk tridx tibdel il-mozzjoni proposta minnha f'mistoqsija minħabba li minn kif ġew proposti dawn lż-żewġ mozzjonijiet jidher li l-Kunsilliera kkonċernata ma' għamlitx verifika tal-fatti. Kieku sar hekk kien joħroġ ċar li ma' kienx hemm għalfejn jitressqu dawn il-mozzjonijiet.

4.(3).2..2 Il-Kunsillier Charmaine Gerada baqgħet tinsisti li tressaq il-mozzjonijiet tagħha kif proposti minnha. Għaldaqstant il-Kunsillier Reno Chircop issekonda l-mozzjoni numru 03/2002 filwaqt li l-Viċl Sindku Walter Ahar ssekonda l-mozzjoni numru 04/2002.

4.(3).2.3 Mozzjoni 03/2002

Wara li l-Kunsill b'mod illegali daħal u għamel xogħol fi propjeta privata cioe f'dar numru 8 u 9 fi Triq Sant'Anġlu, Isla bil-konsegwenza li l-familja li tgħix ma' ġenb din id-dar f'numru 11, Triq Sant'Anġlu, Isla qed tbagħti konsegwenzi enormi, dan il-Kunsill japprova illi b'mod immedjat, iqabbad espert sabiex jiċċertifika l-ħsara msemmija u l-Kunsill ineħħl kull materjal mitfuħ u kull ħaġa oħra li saret.

Barra dan, il-Kunsill għandhu jara jekk il-ħsara li saret fil-fond Numru 11, Triq Sant'Anġlu, Isla, saritx minħabba x-xogħol li sar mill-Kunsill Lokali u jekk jirriżulta l-każ, dan il-Kunsill għandhu jsewwi din il-ħsara immedjatament.

4.(3).2.4 Is-Sindku Joseph Casha għarraf lill-Kunsill li minn tfittix li hu wettaq fir-rekords tal-Kunsill mill-1994 lil hawn ma' jirriżultax li qatt saret talba minn residenti biex isir xogħol fil-propjeta msemmija 8/9 Triq Sant'Anġlu, Isla. L-anqas ma' jidher li fil-Minuti l-Kunsill kien ħa xi deċiżjoni biex jitwettaq xogħol mill-ħaddiema tiegħu fih.

4.(3).2.5 Kull ma' hemm reġistrat hija talba mis-Sinjura Virginia Cinia li toqgħod numru 11 Triq Sant'Anġlu, Isla (20/98) biex jinfetħu l-ispralli tal-fond imsemmi fil-mozzjoni. Il-Kunsill kien laqa' t-talba fis-26/01/98 biex jinfetħu l-biċċa ta' fuq.

4.(3).2.6 Wara diskussjoni s-Sindku ressaq biex il-kliem fil-mozzjoni (03/2002) kif proposta jitneħħa kollu u jidħol dan li ġej " Peress li mir-Records tal-Kunsill ma' jirriżultax li l-Kunsill kien wettaq xi xogħol (Kif ġie allegat li sar fil-propjeta' privata numru 8/9, Triq San'Anġlu), il-Kunsill m'għandhux jagħmel tajjeb għall-ħsarat li s-Sinjura Cini qed tallega li huwa riżultat ta' xogħol imwettaq mill-Kunsill.

4.(3).2.7 F'dan id-dawl il-Kunsill lħeġġeġ lis-Sinjura Cini biex tqabbad espert li jkun jista jiċċertifika minn fejn ġejjal-ħsara fil-post tagħha li qiegħed ftit lfuq mill-post imsemmi.

Min-naħa tiegħu l-Kunsill ser jagħmel ħiltu biex isir jaf sid dan il-post li jidher li huwa abbandunat minħabba li dan il-post qed ikun ta' periklu għas-saħħa tal-ġirien".

4.(3).2.8 Is-Sindku stqarr li l-Kunsill m'għandhu l-ebda awtorita li jmiss jew jidħol fi propjeta' privata mingħajr il-kunsens tas-sid.

4.(3).2.9 Is-Sindku ressaq l-emenda proposta minnhu u ssekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi għall-voti. Din għaddiet b'5 voti favur.

4.(3).2.10 Mozzjoni 04/2002

Għaldaqstant din il-mozzjoni: "Dan il-Kunsill għandhu jagħmel riċerka sabiex jistabilixxi min huma l-propjetarji jew propjetarju tad-dar numru 9 u 10 Triq Sant'Anġlu, Isla u jitolbuhom sabiex jirregolaw ruħhom skond il-liġi tas-saħħa f'pajjiżna" ppreżentata mill-Kunsillier Charmaine Gerada u ssekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar waqgħet minħabba l-eżistu ta' mozzjoni 03/2002.

## 4 (4) Egħluq ta' Xatt Juan B. Azopardo

Minħabba konflitt ta' nteress is-Sindku Joseph Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar ġew skużati milli jkunu preżenti waqt id-diskussjoni ta' dan l-item fuq l-Aġenda.

4.(4).1 Mexxa l-laqgħa l-Kunsillier Reno Chircop.

4.(4).2 Il-Kunsill qabel li t-traffku fix-Xatt isir "One Way" il-ġewwa. Dħul mill-Mina tal-Maċina u ħruġ minn Triq il-Miġja tal-Papa.

4.(4).3 Dan l-arranġament jidba jseħħ mill-15 ta' Ġunju 2002 sal-15 ta' Settembru, 2002 kulljum bejn is-7.30pm u l-11.30pm.

4.(4).4 Biex jikkontrolla t-traffiku għandhu jintalab is-servizz tal-pulizija fil-weekend u jekk ikun il-bżonn matul il-ġimgħa.

Is-Supretendent tad-Distrett għandhu jiġi mgħarraf u ġiet proposta li ssir laqgħa miegħu għal- dan il-għan.

## 4 (5) Xogħlijiet fl-Isla

4.(5).1 Ġew indikati x-xogħlijiet li jridu jitwetqu minnufih minħabba l-istaġun tas-Sajf. Dawn huma :

- Ħwat tal-konkos quddiem il-Knisja
- Dawl tal-promenade
- Il-Ħadid u l-bankijiet tax-Xatt
- Latrini tax-Xatt u tal-Ponta
- Żebgħa ta' railings (Triq il-Miġja tal-Papa)
- Railings tat-taraġ
- Slipway tad-dgħajjes
- Ismijiet tat-Toroq
- Żbir tas-siġar madwar l-Isla kollha
- Tabelli u Sinjali tat-Traffiku b'mod speċjali fix-Xatt

4.(5).2 Dawret Ix-Xatt

Il-Kunsill jixtieq li Dawret Ix-Xatt taħt Ġnien il-Gardjola tiġi resurfaced bil-Hot Rolled Asphalt kif jixraq billi din it-triq hija użata ħafna mir-residenti u mill-barranini li jżuru l-Isla.

4.(5).2 Skond kwotazzjonijiet li ġabar il-Kunsill dan ix-xogħol jista jsir jiswa madwar Lm 5400 (04/0848/02/I).

4.(5).3 Sar qbil li tinkiteb ittra lill-Ministru Ċensu Galea responsabbli mit-Trasport u Kommunikazzjoni u lill-Ministru Michael Refalo responsabbli mit-Turiżmu biex jisponsorjaw l-ispejjeż ta' din it-triq.

## 4 (6) Approvazzjoni għall-bidu ta' Korsijiet

Il-Kunsill approva biex isiru dawn il-korsijiet fil-bini tal-Kunsill fi Triq San Ġużepp.

4.(6).1 Dawn il-korsijiet huma :

- Laqgħat għall-ġenituri mill-ETC li ser jibdew fil-30 ta' Mejju 2002 fil-5.00pm
- Ħjata fuq il-Burda
- Ganutell
- Bizzilla u
- Parċmina

4.(6).2 Barra dawn il-korsijiet fil-Bini tal-Kunsill qed jinżamm Job Club għaż-żgħażagħ. Dan qed isir flimkien ma' l-ETC.

4.(6).3 Kors Bażiku Dan il-kors huwa maħsub għal dawk li huma fil-Kumitati Lokali jew Sotto Kumitati. Dan qed isir flimkien ma' l-Aġenzija Appoġġ.

## 4 (7) Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2001 / 2002

Sar qbil biex dan ir-rapport jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 4 (8) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Minħabba li l-Kunsill qed jagħmel spejjeż fil-qadi ta' dmirhu l-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss iressaq riżoluzzjoni biex jiġu vvutati Lm 300 għas-sena finanzjarja 2002/2003 biex jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż.

4.(8).1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondata mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm6,292.67.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fil-11.00pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| _______________________ | _______________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |